

# Dun Karm

# Il-Poeta Nazzjonali

Sharon Grima – Nevisse Zammit Micallef
Skola St Joseph, Blata l-Bajda

# Nippreżentaw lil Dun Karm fl-ewwel snin ta' ħajtu ...



- L-isem u l-kunjum: Karmenu Psaila
- Id-data tat-twelid: It-18 t'Ottubru 1871
- Il-post tat-twelid: Ħaż-Żebbuġ
- Iben: Filippu Psaila u Lunzjata Pisani
- F'familja ta': Tmienja u hu ta' qabel tal-aħħar
- Attenda: L-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ fejn beda jmur minn meta kellu seba' snin. Ta' erbatax-il sena daħal is-Seminarju u beda jistudja għal qassis
- Il-laqam: "L-Oħxon"
- Il-karattru: Imqareb, qalbu tajba u fuq ruħu

# F'żgħożitu …





- Għex iż-żgħożija tiegħu jistudja fis-Seminarju fejn daħal fl-età t'14-il sena. Ħassha ħafna l-firda tal-familja tiegħu.

- Beda jikteb l-ewwel poeżiji meta kien is-Seminarju, eżattament fl-età ta' 17-il sena. Minn hawn baqa' dejjem jikteb il-poeżiji bit-Taljan.

- Fl-1892 miet missieru u din il-mewta ħassha ħafna avolja kien aktar miġbud lejn ommu.

# F'żgħożitu ...

- F'nofs l-istudji tiegħu, iż-żagħżugħ ħass ħajtu mimlija b'ħafna taqlib u ma kienx ċert jekk l-istudju tiegħu ta' qassis kienx l-aħjar pass li kellu jagħmel f'ħajtu.

- Imma Dun Karm ma qatax qalbu u baqa' jissielet sal-aħħar, avolja bata ħafna sakemm laħaq qassis. Laħaq qassis fid-19 ta' Mejju 1894 fl-età ta' kważi 23 sena. Din kienet l-isbaħ ġurnata fil-ħajja ta' Dun Karm.

- Beda jikteb fil-ġurnal "Il-Ħmar".

# Fi rġulitu …

- Fl-1894 Dun Karm beda jgħallem is-Seminarju u kien jaqla' tmien liri fis-sena. Kien jgħallem it-Taljan, il-Latin, il-Ġeografija, l-Ingliż, il-Kosmografija u l-Aritmetika. Huwa ma damx ma sar ukoll professur tal-Istorja tal-Knisja u tal-Arkeoloġija Nisranija.



- Fl-1896 ħareġ l-ewwel ktieb bil-poeżiji miktubin bit-Taljan.

- Fl-1909 Dun Karm ġarrab it-telfa t'ommu u din il-mewta ħalliet effett negattiv ħafna fuqu għax hu kien wisq marbut magħha.



# L-irġulija....



- Fl-istess żmien tal-mewt t'ommu, Dun Karm għadda minn burraxka oħra għax minħabba riforma li saret, ma tħalliex jgħix iktar is-Seminarju imma kellu jmur joqgħod għalih waħdu l-Belt, fejn ħakmitu s-solitudni. Kellu biss kanarin li kien jagħmillu l-kumpanija.

- Fl-1912 Dun Karm kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti, wara snin twal jikteb bit-Taljan. Minn dakinhar qatt ma ħares lura u baqa' jikteb bil-Malti.

- Kien membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li tagħha kien ukoll president għal xi żmien.

# Fi xjuħitu …



- Dun Karm baqa’ dejjem iżejjen il-Letteratura Maltija b’poeżiji li ġeneralment kien ikollhom ir-reliġjon, il-patrija u l-omm bħala t-temi prinċipali – dawn kienu l-iktar tliet affarijiet għeżież għalih.
- Ta’ 65 sena Dun Karm waqqaf ix-xogħol li kien qed jagħmel ta’ Direttur tal-Librerija. Huwa kien jgħin u jinkuraġġixxi lil ħafna żgħażagħ li kienu għadhom se jibdew jitħajru jiktbu l-poeżiji. Għal Dun Karm dan kien l-isbaħ xogħol li qatt seta’ jkollu għax seta’ jkun ħaġa waħda mal-kotba li tant kien iħobb.

# Xjuħitu

- Għalkemm Dun Karm ħareġ bil-pensjoni, xorta waħda baqa' jikteb numru kbir ta' poeżiji li għadna nistudjaw sal-ġurnata tal-lum. F'dawn l-aħħar snin ta' ħajtu ġeneralment kien jikteb poeżiji fuq is-solitudni u fuq il-mewt li dalwaqt kienet se tieħdu magħha. Eżempju ta' dan hija l-poeżija "Żjara lil Ġesù".



- Dun Karm miet fit-13 t'Ottubru 1961 fl-età ta' kważi 90 sena. Huwa jibqa' mfakkar bħala "Il-Poeta Nazzjonali".



# Quddiem Xbieha tal-Madonna

Hekk kont sabiħa meta rajtek darba
F'ħolma, fil-hena taż-żgħurija tiegħi;
Kont rieqed waħdi f'sodda ċkejkna, mwarrba,
U Int mis-sema nżilt u qgħadt ftit miegħi.

Sbiħ il-jum, għib ix-xemx, flimkien imxierka,
M'għandhomx lewn ħelu bħal wardiet ħaddejk;
Tisboq kull dija tas-smewwiet, o Mbierka,
Il-leħħa rżina minn ta' ħbub għajnejk.

**Warda li tbexxaq fiż-żerniq ta’ Mejju**
**Tixbah id-daħka ta’ xofftejk, ħanina,**
**Fil-ħin li miegħek tħaddan, tfajjel ħlejju,**
**Il-kbir Feddej, li bata u miet għalina.**

**Għajnejh miksura f’nagħsa ħiemda, iserraħ**
**Ġesù fuq sidrek ir-ras tiegħu żgħira,**
**Minn qalbu għal qalbek ġid is-sema jferraħ...**
**Madwarek l-anġli b’qima jħarsu u b’għira.**



**Imbierka l-id illi pinġietek! Dija**
**Serqet lill-kwiekeb, ġmiel lill-ward tal-ġonna,**
**U bih libbsitek, o b'kull ħajr mimlija,**
**Sultana ta-smewwiet, ħelwa Madonna.**

**Hekk kont sabiħa, jien niftakar sewwa,**
**Meta fil-ħolma ta' żgħuriti lmaħtek;**
**T'għajnejk, ta' fommok kienet din il-ħlewwa;**
**U jien fi mħabbti bl-isem t'omm sejjaħtlek.**





# L-INNU MALTI

**Lil din l-art ħelwa, l-Omm li tatna isimha,**

**Ħares, Mulej, kif dejjem Int ħarist:**

**Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.**

**Agħti, kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,**

**Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l-ħaddiem:**

**Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.**